# Mro. Vincenzo Camilleri
## 1821-1897

Agostino Vincenzo Rosario Carmelo Camilleri, iben Enrico u Catherina néeAbdilla, twieled il-Belt Valletta nhar is-Sibt, 3 ta' Novembru 1821 u ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna ta' Porto Salvo u San Duminku fl-istess jum.

F'Jannar ta' 1846 Vincenzo, meta kellu biss erbgħa u għoxrin sena, iżżewweġ lil Marija Grazzja Fava minn Ħal Luqa, bint Andrea u Elena nee Briffa. Infatti l-aħħar tnedija tażżwieġ saret fit-23 ta' Diċembru 1845. Għamlu s-snin joqogħdu Ħal Luqa; biżżejjed insemmu li tnejn minn uliedhom, jiġifieri Neriku u Ferdinando, twieldu t-tnejn Ħal Luqa, wieħed fil-25 ta' Ottubru 1846 u ssemma Enrico għal missier Vincenzo u l-ieħor fid-29 ta' April 1859. Enrico miet il-Furjana, fit-8 ta' Lulju 1929 fl-età ta' 83 sena u Ferdinando miet tas-Sliema fid-9 ta' Marzu 1942 fl-età ta' 83 sena.

Mro. Vincenzo Camilleri kien klarinettista "di concerto" prim fl-Orkestra tal-Commander-in-Chief u kien ukoll kapaċissimu biex jgħallem xi strumenti oħra bħall-flawt u l-vjolin kif fil-fatt għallem lil uliedu Enrico u Ferdinando.

Wara żmien jgħallem ħafna żgħażagħ kien għad kellu 58 sena meta waqqaf il-Banda L-Unjoni ta' Ħal Luqa fis-sajf ta' l-1880 fejn għal tliet snin sħaħ kien il-Capo di Banda u Maestro ta' l-istess banda.

Ta' min jgħid ukoll illi sa ftit snin wara t-Tieni Gwerra Dinjija kienu għadhom jeżistu l-bankijiet tal-ġebel fuq il-bejt tar-residenza sajfija li Vincenzo kellu f'Ħal Luqa għall-ħabta ta' l-1880 fejn għallem l-ewwel allievi tal-Banda L-Unjoni u li dawn tneħħew mill-proprjetarju Anthony Camilleri. Din id-dar kienet ġġib in-numru, 100 Strada Carmine, Luca.

Fosta l-ewwel xogħol insibu l-ewwel *Marcia L'Unione 1880*
Santa Katerina 1881 li seta' kitibha għal ommu
Di Napoli 1881 u tliet marċi funebri
Marcia Funebre No 1
Marcia Funebre No 2
Marcia Funebre No 3

Dawn il-kompożizzjonijiet kienu nkitbu kollha minn Vincenzo, il-fundatur tal-Banda L-Unjoni. Dawn il-biċċiet mużikali kollha għadhom fl-arkivju tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni 1880 A.D. fejn huma miżmuma b'għożża kbira.

Fl-aħħarnett ta' min isemmi li Vincenz u l-erba' uliedu għamlu isem kbir lill- Banda L-Unjoni kif insibuha fuq ħafna ġurnali li anke jsemmu li kienet għamlet progress enormi u bla dubju ta' xejn insibuha bħala waħda mill-aqwa u mill-aktar popolari ta' Malta.

**RIFERENZI**

*Malta; Risorgimento; Il Popolo; Public Opinion; Malta Herald; Malta Chronicle; Malta Tagħna; Il-Ħabbar Malti*

*Tkompli...*

*Il-mużika tal-familja Camilleri se tkun esposta għall-pubbliku li jiġi jżur il-Palazz Sant'Andrija, is-sede tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni 1880 A.D. fil-ġranet sbieħ tal-Festa Titulari ta' Sant'Andrija Appostlu Patrun ta' l-istess Soċjetà u tar-raħal tagħna Ħal Luqa.*